



© Bernhard Weber

Politika Ewropea tal-Viċinat

ec.europa.eu/world/enp

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni
B – 1049 Brussell
enp-info@ec.europa.eu

NF-30-08-012-MT-D

- Stati Membri tal-UE
- Pajjiżi msieħba fl-ENP
- Kandidati għal sħubija fl-UE
- Kandidati potenzjali għal sħubija fl-UE



KUMMISSJONI EWROPEA
Relazzjonijiet Barranin



Għal miżura tajba

Il-Ġeorġja tiddependi fuq l-importazzjonijiet biex tlaħħaq mal-konsum tagħha tal-gass naturali, li hu kkalkolat li huwa madwar 2 biljun metri kubiċi fis-sena. Provvista tal-enerġija sikura hija kruċjali b'mod speċjali fix-xitwa, meta l-maġġoranza tal-popolazzjoni tal-pajjiż tħossha partikolarment vulnerabbli għat-temperaturi li jinżlu taħt iż-żero.

Komponent wieħed importanti ta' provvista tal-enerġija affidabbli huwa li jiġi assigurat li kemm il-fornitur kif ukoll il-bejjiegħ ikunu sodisfatti. Madankollu, is-settur tal-gass tal-Ġeorġja, bl-infrastruttura tiegħu li issa qegħda teqdiem, iffaċċja sfidi maġġuri biex jara li l-kwalità u l-kwantità ta' gass li jaqşam il-fruntiera jitkejjel b'mod preċiż.

Il-Ġeorġja tmur mal-kurrent

Bl-appoġġ tal-UE, il-Ġeorġja ħadet azzjoni biex tirrimedja din il-problema – fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' grupp ta' esperti – billi bniet stazzjon tal-kejl bil-miter mill-aktar avvanzat.

"Id-distanza twila u t-tagħmir li kien għadda żmienu fl-istazzjon l-antik ikkawżaw numru konsiderevoli ta' żbalji fil-kejl," jispjega Irakli Kiladze, inġinier mal-Korporazzjoni tal-Gass ta' Ġeorġja. "L-aktar benefiċċju prezzjuż li ħadna mill-proġett tal-UE huwa li issa għandna t-teknoloġija addattata biex nikkontrollaw u nkejlu b'mod sħiħ il-volumi tal-gass naturali li nirċievu."



© Jacom Stephens

Nidu nadif għal Ġenin

Il-belt Palestinjana ta' Ġenin tinsab fuq il-Wied meraviljuż tal-Ġordan fil-Medda tal-Punent. Madankollu, il-belt u l-madwar tiegħu soffrew minn problema ta' rimi ta' skart li mhux biss kerrhet il-pajżaġġ iżda ħolqot ukoll problema serja ta' saħħa għall-popolazzjoni lokali.

In-nies tal-lokal kienu mġiegħla jarmu ż-żibel tagħhom bil-bosta miżbliet bl-addoċċ li jinsabu madwar il-belt u fil-kampanja tal-madwar. Sabiex isolvi din il-problema, ir-reġjuni, b'appoġġ mill-UE, bena l-Faċilità mill-aktar avvanzata ta' Żahrat al-Finjan li tissidponi mill-iskart mill-bliet u l-villaġġi tan-naħa ta' fuq tal-Palestina. Din il-mossa waslet għall-għeluq ta' 84 miżbla illegali u perikolużi.

Is-sit, li huwa mistenni li ser jibqa' operattiv għal massimu ta' 30 sena, jista' jipproċessa sa massimu ta' 700 tunnellata skart kuljum.

Skart li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent

Il-faċilità hija wkoll tajba għall-ambjent Din tuża 'metodu ta' disponiment progressiv' li jiddekomponi l-iskart permezz ta' fermentazzjoni naturali kkawżata minn mikro-organismi. Il-fossa tal-landfill hija miksija b'diversi saffi ta' materjal impermeabbli sabiex tiġi evitata t-nnixxija ta' sustanzi kontaminanti, magħrufa bħala leachates, fil-ħamrija ta' taħt. Is-sustanzi kontaminanti jistgħu jinżlu fil-ħamrija, jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-bjar użati min-nies tal-lokal għall-ilma tax-xorb.

"Issa mhux qed isir rimi bl-addoqq fiż-żona ta' fuq tal-Medda tal-Punent. M'hemmx bżonn li n-nies jagħmlu dan u kienu kuntenti meta raw l-għeluq tas-siti bl-addoċċ minħabba l-impatt negattiv tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent," jispjega Hani Shawahneeh, il-manigier eżekuttiv tal-faċilità.

ħafna mill-art li ġiet irkuprata wara l-għeluq tat-84 miżbla illegali issa qed tintuża għall-biedja. Hemm ukoll pjanijiet biex jinbena playground fuq is-sit li qabel kien miżbla f'Deir Abu Daeif ħdejn Ġenin u biex jinbena park pubbliku fuq sit ieħor f'Tubas.

Zahrat al-Finjan għandu l-pjan li jibni impjant tar-riċiklaġġ għall-plastik u l-karta li għandu joħloq aktar impjiegi. Hemm proposti biex jinfetħu faċilitajiet simili f'partijiet oħrajn tal-Medda tal-Punent.



POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT:
L-ENERĠIJA U L-AMBJENT

SFIDI MINGĤAJR FRUNTIERI



Sfharriġ reċenti sab li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma favur kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi ġirien. Huma jemmnu li rabtiet aktar mill-qrib jistgħu jsaħħu l-paċi u d-demokrazija.

Dan huwa dak li tittratta l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP). Żviluppata fl-2003/2004 bil-għan li tressaq lill-UE mkabbra u lill-ġirien tagħha aktar qrib xulxin, l-ENP tittratta t-teħid ta' azzjoni konkreta sabiex jiġu appoġġjati riformi u biex issaħħaħ il-prospertà: biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum tan-nies fil-viċinat tagħna.

Allura kif taħdem? L-UE u kull wieħed mill-ġirien tagħha jaqblu fuq kif jibnu relazzjonijiet aktar mill-qrib u jappoġġjaw riformi fuq perjodu ta' tlieta sa ħames snin. L-impenni konġunti huma mfissra f'hekk imsejħa Pjanijiet ta' Azzjoni. Il-ħila u l-finanzi (kważi €12-il biljun mill-2007 sal-2013) huma disponibbli taħt l-Istrument tal-Viċinat u l-Partenarjat Ewropew' (ENPI) sabiex jgħinu bil-modernizzazzjoni u r-riforma.



© iStockphoto

Sfidi mingħajr fruntieri

Xi sfidi ma jafu bl-ebda fruntieri politiċi – bħal per eżempju l-enerġija, l-ambjent u netwerks moderni ta' trasport – u jeħtieġu livell għoli ta' kooperazzjoni kemm fi ħdan l-UE, u wkoll bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha.

Il-provvisti tal-enerġija qegħdin isiru dejjem aktar kritiċi hekk kif id-dinja qegħda tiffaċċja mument fejn il-provvista ta' enerġija qed issir dejjem aktar diffikoltuża. Il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-enerġija konvenzjonali, rinovabbli u nukleari hija vitali għas-sikurezza, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE u l-ġirien tagħha.

Id-dinja qegħda tirrikonoxxi dejjem aktar li l-attività ekonomika tista' ġgħorr prezz ambjentali kbir ħafna. L-UE hija impenjata li naqqas dan il-piż fuq il-pjaneta tagħna u dan jeħtieġ kooperazzjoni internazzjonali effettiva. L-ENP tiffoka kemm fuq it-tħassib ambjentali lokali u anki dak globali.



Wara l-maltempata...

F'Novembru 2007, maltempata qalila fl-Istrett ta' Kerch bejn l-Ukrajna u r-Russja kkawżat ħsara lil 13-il bastiment, li erbgħa minnhom sfaw mgħarrqa u minnhom ħarġu mijiet ta' tunnelli ta' żejt. Fi sforz biex jiġi evitat diżastru ambjentali, l-awtoritajiet taż-żewġ naħat tal-fruntiera daħlu fl-azzjoni meddew għonqhom għax-xogħol billi nedew operazzjoni ta' tindif fuq skala kbira.

Voluntiera lokali assistew mijiet ta' ħaddiema Ukraini fuq emerġenża. "L-ċittadini li jgħixu mal-kosta ħadmu lejl u nhar biex inaddfu l-bajjiet," jirrimarka Dmitro Sergeievich Gurskiy, li huwa d-Deputat Ministru tal-Ukrajna għall-Ambjent.

Ninnavigaw minn żminijiet diffiċli... b'mappa

Il-medda sħiħa ta' kwalunkwe diżastru marittimu hija pjuttost litteralment mgħarrqa fil-fond mudlam. Li wieħed jifhem il-medda tas-sitwazzjoni u jiddeċiedi x'azzjoni għandha tittieħed jirrikjedi informazzjoni dettaljata u fil-fond – u 'intelligence' bħal din għandha tiġi pprovduta malajr sabiex tkun siewja.

Fi żmien 24 siegħa mill-aċċettazzjoni tal-Ukrajna ta' offerta ta' assistenza mill-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE, tim ta' esperti minn ħames Stati Membri differenti tal-UE diġà kien fil-pajjiż biex jgħin fl-evalwazzjoni tal-ħsara li saret, u ipprova rapport komprensiv dwar is-sitwazzjoni. "Aħna ninsabu grati għall-appoġġ li pprovditilna l-UE," jgħid id-Deputat Ministru. "Il-wasla tat-tim tal-UE kienet f'waqtha u l-preżenza tiegħu serviet ta' ġid ħafna."

L-UE u l-Ukrajna jikkooperaw mill-qrib dwar kwistjonijiet ambjentali, u l-Unjoni qegħda tassisti lill-Ukrajna fl-isforzi tagħha li tintroduċi linji politiċi ambjentali aħjar.



© Olivier Tuffé

Is-sigurtà saret tiġi l-ewwel fl-Ukrajna ta' wara l-każ ta' Chernobyl

Fl-1986, inċident fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl fl-Ukrajna rriżulta bħala l-aġħar diżastru nukleari fl-istorja. Minn dakinhar, l-Ukrajna, bl-appoġġ tal-UE, adottat approċċ ta' is-sigurtà l-ewwel fl-industrija tal-enerġija nukleari tagħha.

L-Ukrajna hija fost l-aqwa għaxar produttori tal-enerġija nukleari fid-dinja u żviluppata pjanijiet biex tkompli tkabbar din l-industrija. Għal aktar minn 15-il sena, l-isforzi tal-UE ffokaw fuq il-promozzjoni ta' miżuri u standards l-aktar avvanzati fis-sigurtà nukleari. L-assistenza fuq il-post tipprova ttejjeb is-sistemi tekniċi u tas-sigurtà fl-impjanti tal-enerġija nukleari operazzjonali tal-Ukrajna. Min-naħa l-oħra, l-assistenza li tingħata mhux fuq il-post stess tgħin biex timbotta l-istat tat-tħejjija tal-Ukrajna. Eżempju ta' dan huwa s-sistema ta' twissija bikrija, li tuża ċirku ta' ditekters biex timmonitorja emerġenzi potenzjali.

Liċenzja biex tirregola

Il-bini tal-Kapaċità jimmira li jtejjeb is-sigurtà operattiva u d-disinn billi jappoġġja l-abbiltà tal-Kumitat Regulatorju Nukleari tal-Istat (SNRC) indipendenti tal-Ukrajna sabiex dan jiffissa standards tas-sigurtà robusti, biex jevalwa l-konformità u biex jagħti liċenzja lil impjanti ġodda.

Fl-impjanti ta' Khmelnytsky u Rivne li għadhom kif ġew ikkommissjonati dan l-aħħar, l-SNRC integra karatteristiċi tas-sigurtà stretti fid-disinn, inkluż monitoraġġ u sistemi dijanjostiċi, 'kaxxa sewda' li ma tistax tinqered u li fiha tinħażen dejta importanti, u ċentru tal-appoġġ tekniċu biex jgħin fl-operat tal-faċilità f'sitwazzjonijiet ta' emerġenża.

Oleg Zeleny, espert Ukraini f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà, jispjega li l-appoġġ tal-UE ħallas dividendi maġġuri u li l-impjanti tal-enerġija nukleari fl-Ukrajna issa qegħdin joperaw f'kultura aktar konxja dwar is-sigurtà. "L-evalwazzjonijiet tas-sigurtà mwettqa mill-esperti Ukraini u tal-UE saru, fil-biċċa l-kbira tagħhom, konsistenti ma' xulxin," jispjega Zeleny.

Il-liġi tal-art

Bħala sinjal tal-importanza dejjem tikber li l-Ġordan jorbot mal-kwistjonijiet ambjentali, huwa jistabbilixxi ministeru fis-sod inkarigat biex jipproteġi u jippreserva l-ambjent fraġli ta' wieħed mill-ifqar pajjiżi fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam ma' provvisti tal-ilma.

"Il-Ministeru tal-Ambjent, li ġie mwaqqaf biss fl-2003, huwa istituzzjoni li għadha fil-bidu tagħha, iżda li diġà għamlet passi kbar," tgħid Ruba al-Zu'bi, id-direttriċi tal-politika u l-iżvilupp fil-ministeru.

Sabiex jissodisfa l-mandat tiegħu li jħares u jtejjeb l-ambjent, il-ministeru jissorvelja żoni protetti madwar il-pajjiż, jistabbilixxi u jimmonitorja standards ambjentali, iqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet ambjentali fost il-partijiet interessati, u saħansitra ħoloq forza ta' għassa biex timmonitorja u tirrapporta dwar kwalunkwe ksur li jsir.

Bħala istituzzjoni hekk ġdida, il-ministeru wera sforzi sinjifikanti, bl-appoġġ tal-UE, biex jistabbilixxi qafas istituzzjonali sostenibbli u robust permezz tal-programm tiegħu tal-bini tal-kapaċità, li kien inniedi fl-2004.

Formula ta' suċċess

"Dak li għamel il-programm tagħna wieħed ta' suċċess huwa s-sens ta' sjieda u impenn tal-ministeru, mill-ministru 'l isfel,' tirrimarka al-Zu'bi.

Il-ministeru ifformula pjan strateġiku biex ikopri mill-2007 sal-2010. Huwa jiddeskrivi strateġija għall-inkoraġġiment ta' kapaċità ambjentali lokali madwar ir-renju, u pjan biex ikunu jistgħu jiġu ttrattati s-sustanzi perikolużi. Qiegħed jaħdem ukoll fuq pjanijiet biex jersaq eqreb lejn l-istandards ambjentali tal-UE. Il-ministeru jirrikonoxxi li d-direzzjoni futura għandha tkun li t-tħassib ambjentali jiġi integrat ma' setturi ta' żvilupp oħrajn.

Barra minn hekk, il-ministeru jipprova jtejjeb il-kooperazzjoni reġjonali, kemm billi jistabbilixxi eżempju għar-reġjun u wkoll billi jitgħallem minn pajjiżi ġirien esperjenzati, bħall-Eġittu, fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis. Huwa diġà daħal għal numru ta' inizjattivi konġunti mas-Sirja, il-Libanu u l-Marokk.

© Irina Opachevsky